12 ta' Frar, 1955

Imħallef :
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Angelo Busuttil *versus* Joseph Lowell

**Appell — Valur Appellabbli — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 226 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

***Ma hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati meta l-valur tal-pretensjoni ma jiskorrix £5, ammenokkè l-kawża ma***

*tkunx fuq kwistjoni dwar punt ta' dritt maqtugh bis-sentenza li minnha hemm l-appell.*

*Biex is-sentenza tkun appellabbli fuq kwistjoni ta' dritt biss, jeħtieġ li dik il-kwistjoni tkun "iffurmat kontroversja" quddiem l-Ewwel Qorti bejn il-partijiet, u tkun "deċiża mill-Qorti" "a qua"; u mhux biżżejjed li tiġi sollevata kwistjoni ta' dritt "ex novo" fl-appell. U s-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma hux affattu dak li trid il-liġi meta tgħid li għandu jkun hemm kwistjoni ta' dritt deċiża mill-Ewwel Qorti.*

*Għad li ma tiġix mogħtija l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità, il-Qorti għandha mhux biss id-dritt, imma d-dmir, li tirrilevaha "ex officio"; għax dan hu prinċipju ta' ordni publiku, u l-Qorti ma tistax tassumi ġurisdizzjoni li ma għandhiex.*

*Jekk ma jkunx appellabbli l-meritu, ma jistax ikun ammess appell fuq il-kap ta' l-ispejjeż.*

Il-Qorti; — **Rat it-talba** ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tas-somma ta' £4, prezz ta' xogħol f'"mahogany settee"; bl-ispejjeż, flimkien ma' tliet xelini ta' *ittra privata;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Novembru, 1954, li biha ddeċediet billi laqgħet it-talba ta' l-attur limitatament għall-ammont ta' £3; l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-kontendenti skond ir-rispettiv rebħ u telf; wara li kkunsidrat;

***Omissis;***

Rat fol. 37 iċ-ċitazzjoni tal-konvenut, li biha appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, talab li tiġi revokata, u li jiġu miċħudin it-talbiet; bl-ispejjeż;

**Trattat** l-appell;

**Ikkunsidrat;**

Skond l-art. 226 Kap. 15, Edizzjoni Riveduta, ma hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta meta l-valur tal-pretensjoni ma jiskorrix £5, ammenokkè l-kawża ma tkunx fuq kwistjoni dwar pont ta' dritt maqtugh fis-sentenza li minnha hemm appell;

Issa, din il-kawża tirrigwarda pretensjoni li l-valur tagħha hu stabbilit fid-domanda bħala ta' £4;

***Jibqa'*** li wieħed jara hemmx xi *punt ta' dritt* maqtugħ fis-sentenza;

Issa, fis-sentenza appellata, jekk wieħed jeżaminaha sewwa, isib li ma hemm ebda pont ta' dritt maqtugħ fiha. Il-Maġistrat illimita ruħu biex jikkonstata permezz tal-perizja liema kienu d-difetti fix-xogħol; qata', bħala apprezzament ta' fatt, li mart il-konvenut approvat ix-xogħol, ħlief għar-rigward tal-lostru; ġie għal din il-konklużjoni ta' l-aħħar għax irritjena, bħala pont ta' fatt, li mart il-konvenut kien imissha ndunat dwar li d-daħar tal-"book-cases" ma kienx three-ply tal-kawba; u nbagħad, wara li rrileva, dejjem bħala apprezzament ta' fatt, li kwantu għall-lostru hija kienet ipprotestat, ikkonkluda, bi pratiċità enkomjabbli fiċ-ċirkustanzi tal-każ, biex naqqas lira mill-ammont reklamat;

Hu ovvju li f'dan kollu ma hemm ebda punt ta' dritt deċiż. *Hemm apprezzament ta' fatt* u soluzzjoni prattika u ekwa, anki hija ta' fatt. Ma hemmx bżonn jingħad li, biex sentenza tkun appellabbli fuq kwistjoni ta' dritt biss, jeħtieġ li dik il-kwistjoni tkun "iffurmat kontroversja" quddiem l-Ewwel Qorti bejn il-partijiet, u "tkun deċiża mill-Qorti" "a qua" (App. Inf. "Gatt vs. Debono", 6 ta' Diċembru, 1943), u mhux biżżejjed li tiġi sollevata kwistjoni ta' dritt "ex novo" fl-appell;

Għandu wkoll jiġi rilevat illi s-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma hux affattu dak li trid il-liġi meta tgħid li għandu jkun hemm kwistjoni ta' dritt deċiża mill-Qorti t'Isfel, App. Inf. "Amaira vs. Dato", 19 ta' Mejju, 1928, li fiha l-Imħallef Dr. Francesco Buhagiar kien qal, bir-raġun: " ...... l'applicazione della legge al fatto per sè non può elevarsi a quistione di diritto nel senso in cui la intende la legge nella detta disposizione; altrimenti, infatti, in ogni causa sarebbero insolute quistioni di diritto, perchè in ogni causa si fa l'applicazione della legge al dato caso". Ara wkoll, fl-istess sens, Appell Inferjuri "Cauchi vs. Vella", 22 ta' Jannar, 1938;

Jiġi, fl-aħħarnett, osservat mill-Qorti li, għad li ma ngħatatx l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità, din il-Qorti għandha mhux biss id-dritt, imma d-dmir li tirrilevaha "ex officio"; għax dan hu prinċipju ta' ordni publiku, u l-Qorti ma tistax

tassumi ġurisdizzjoni li ma għandhiex (App. Inf. "Borg vs. Sultana", 30 ta' April, 1938);

Ma hemmx bżonn jingħad li, ladarba ma hux appellabbli l-meritu, ma jistax ikun ammess appell fuq il-kap ta' l-ispejjeż (idem, Kollez. XXX-I-936);

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara l-appell tal-konvenut irritu u null, u bħala tali tirrespinġieħ; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.